

31981L0476

L 186/20

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

8.7.1981

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL**tal-24 ta' Ġunju 1981**

li temenda d-Direttivi 64/432/KEE, 64/433/KEE, 71/118/KEE, 72/461/KEE, 72/462/KEE, 77/96/KEE, 77/99/KEE, 77/391/KEE, 80/215/KEE, 80/217/KEE u 80/1095/KEE li għandhom x'jaqsmu mal-proċeduri tal-Kumitat Veterinarju Permanenti

(81/476/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 43 u 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra il-proposta tal-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Billi l-Kumitat Veterinarju Permanenti li kien stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 68/361/KEE ⁽³⁾ jagħti l-opinjoni tiegħu bi qbil mal-proċeduri li huma validi sal-21 ta' Ġunju 1981;

Billi materja kienet ġiet l-ewwel darba mgħoddija lill-Kumitat fit-22 ta' Diċembru 1972; billi għadda żmien biżżejjed biex deċiżjoni finali setgħet tintlaħaq; billi l-validità tal-proċeduri msemmija m'għandhiex għalhekk tkun aktar ristretta;

Billi l-esperjenza mirbuħa mill-użu tal-proċeduri preżenti uriet li huma jikkostitwixxu metodu effettiv għall-adozzjoni mgħaġġla tad-Deċiżjoni li għaliha kienu primarjament maħsuba;

⁽¹⁾ ĠU C 102, tal-5.5.1981, p. 2.

⁽²⁾ L-opinjoni mogħtija fid-19 ta' Ġunju 1981 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽³⁾ ĠU L 255, tat-18.10.1968, p. 23.

Billi, aktar minn hekk, wara l-Adezzjoni tal-Greċja huwa wkoll meħtieġ li jiġi aġġustat in-numru ta' voti li jikkostitwixxu il-maġġoranza meħtieġa fil-Kumitat, għal Atti adottati wara l-adozzjoni ta' l-Att ta' l-Adozzjoni tal-1979 li għadhom ma ġewx adattati,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

L-Artikolu 1

Id-dispożizzjonijiet segwenti huma b'hekk imħassra:

- l-Artikolu 14 tad-Direttiva 64/432/KEE ⁽⁴⁾,
- l-Artikolu 9b tad-Direttiva 64/433/KEE ⁽⁵⁾,
- l-Artikolu 13 tad-Direttiva 71/118/KEE ⁽⁶⁾,
- l-Artikolu 10 tad-Direttiva 72/461/KEE ⁽⁷⁾,
- l-Artikolu 31 tad-Direttiva 72/462/KEE ⁽⁸⁾,
- l-Artikolu 10 tad-Direttiva 77/96/KEE ⁽⁹⁾,
- l-Artikolu 21 tad-Direttiva 77/99/KEE ⁽¹⁰⁾,
- l-Artikolu 12 tad-Direttiva 77/391/KEE ⁽¹¹⁾,
- l-Artikolu 9 tad-Direttiva 80/215/KEE ⁽¹²⁾,
- l-Artikolu 17 tad-Direttiva 80/217/KEE ⁽¹³⁾,
- l-Artikolu 10 tad-Direttiva 80/1095/KEE ⁽¹⁴⁾.

⁽⁴⁾ ĠU C 121, tad-29.7.1964, p. 1977/64.

⁽⁵⁾ ĠU C 121, tad-29.7.1964, p. 2012/64.

⁽⁶⁾ ĠU L 55, tat-8.3.1971, p. 23.

⁽⁷⁾ ĠU L 302, tal-31.12.1972, p. 24.

⁽⁸⁾ ĠU L 302, tal-31.12.1972, p. 28.

⁽⁹⁾ ĠU L 26, tal-31.1.1977, p. 67.

⁽¹⁰⁾ ĠU L 26, tal-31.1.1977, p. 85.

⁽¹¹⁾ ĠU L 145, tat-13.6.1977, p. 44.

⁽¹²⁾ ĠU L 47, tal-21.2.1980, p. 4.

⁽¹³⁾ ĠU L 47, tal-21.2.1980, p. 11.

⁽¹⁴⁾ ĠU L 325, ta' l-1.12.1980, p. 1.

L-Artikolu 2

Ir-referenza għal "41" għandha tinbidel b' "45" fl-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 80/215/KEE, l-Artikolu 16(3) tad-Direttiva 80/217/KEE u l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 80/1095/KEE.

L-Artikolu 3

Il-Kunsill għandu, qabel l-1 ta' Lulju 1987, jeżamina mill-ġdid fuq il-bażi ta' rapport tal-Kummissjoni dwar l-operat tal-Kumitat Veterinarju Permanenti, li jkunu fih, jekk meħtieġ, proposti xierqa, dwar il-proċedura ta' l-imsemmi Kunitat.

L-Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fil-Lussemburgu, fl-24 ta' Ġunju 1981.

Għall-Kunsill

Il-President

G. M. V. van AARDENNE